# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 14 ta' Marzu 2019**

**Kawza Numru : 21**
**Rikors Guramentat Numru : 1146/2018/LSO**

**Tarcisio Xriha u martu Cleophe Xriha Camilleri f'isimhom propju u in rapprezentanza ta' binthom Ruby Xriha**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors mahluf ta’ Tarcisio Xriha detentur ta' karta tal-identita' numru 0472964M et datat 16 ta’ Novembru 2018 fejn bil-gurament tieghu kkonferma:-

Illi l-esponenti Tarcisio Xriha twieled nhar is-sbatax ta' Settembru tas-sena elf disgha mija erbgha u sittin (17/09/1964) iben Carmelo u martu Filomena mizzewgin Sciriha u t-twelid tieghu gie registrat fir-Registru Pubbliku b'Att ta' Twelid bin-numru progressiv ta' l-iskrizzjoni erbgha sebgha tnejn disgha zbarra tal-elf disa’ mija u erbgha u sittin (4729/1964) kopja tal-istess Att qed tigi hawn Annessa u mmarkata bhala Dok 'TS 1’.

Illi fl-imsemmi Att ta' Twelid jezisti zball fil-kunjom tal-esponenti Tarcisio Xriha li gie erronjament indikat bhala 'Xriha' meta fil-fatt kunjomu, u dak tal-antenati tieghu fil-linja paternali huwa 'Sciriha'.

Illi fil-fatt l-istess Att ta' twelid ghandu wkoll zball fis-sens illi l-genituri tieghu Carmelo u martu Filomena indikati taht: *"isem u kunjom inkluz il-kunjom fit-twelid u post tat-twelid tal-genitur"* hemm indikat 'Carmelo Xriha (Mosta Malta) u Filomena Xriha nee' Bezzina wife of the said Carmelo Xriha (Detroit State of Michigan United State of America).

Illi fil-fatt missier l-esponenti jismu Carmelo Sciriha u dan kif jidher mill-Att ta' twelid ta' Carmelo Sciriha iben Giovanni u Caterina konjugi Sciriha li twieled nhar is-sittax ta' Marzu tas-sena elf disa’ mija u erbatax (16/03/1914) u

it-twelid tieghu gie registrat fir-Registru Pubbliku b'Att ta' Twelid bin-numru progressiv ta' l-iskrizzjoni wiehed sitta tnejn zero zbarra tal-elf disa' mija u erbatax (1620/1914) kopja tal-istess Att qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok 'TS 2'.

Illi anke hu l-esponenti u cioe' Emanuel huwa ndikat bil-kunjom Sciriha u dan kif jidher mill-att tat-twelid ta' Emanuel Sciriha li twieled nhar l-erbgha u ghoxrin ta' Dicembru tas-sena elf disa' mija u sittin (24/12/1960) iben Carmelo Sciriha u Filomena Sciriha u t-twelid tieghu gie registrat fir-Registru Pubbliku b'Att ta' Twelid bin-numru progressiv ta' l-iskrizzjoni tnejn tnejn tlieta zbarra tal-elf disa' mija wiehed u sittin (223/1961) kopja tal-istess Att qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok 'TS 3'.

Illi ghalhekk jidher illi l-izball in kwistjoni kienet wiehed purament dattilografiku illi zvillupa fl-Att tat-twelid tal-esponenti Tarcisio Xriha u li sussegwentament baqa' jigi rifless fl-atti l-ohra Civili u cioe' l-att taz-zwieg ta' martu l-esponenti l-ohra Cleophe Xriha Camilleri liema zwieg gie registrat fir-Registru Pubbliku b'Att taz-Zwieg bin-numru progressiv ta' l-iskrizzjoni tnejn tmienja tlieta zbarra elfejn u tlieta (283/2003) kopja tal-istess Att qed tigi hawn anness u mmarkata bhala Dok 'TS 4'.

Illi miz-zwieg tal-esponenti Tarcisio Xriha u Cleophe Xriha Camilleri twieldet il-minuri Ruby Xriha li twieldet nhar id-dsatax ta' Mejju tas-sena elfejn u erbgha (19/05/2004) it-twelid taghha gie registrat fir-Registru Pubbliku b'Att ta'

Twelid bin-numru progressiv ta' l-iskrizzjoni wiehed sitta disgha erbgha zbarra elfejn u erbgha (1694/2004) kopja tal-istess Att qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok 'TS 5'.

Ghaldaqstant, *in vista* tas-suespost l-esponenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikajra illi jezisti zball fl-att tat-twelid bin-numru progressiv 4729/1964 fejn il-kunjom l-esponenti Tarcisio u tal-genituri tieghu Carmelo u Filomena huma indikati bhala 'Xriha' mentri fil-fatt kellu jkun 'Sciriha';

2. Tiddikjara illi jezisti zball fl-att taz-zwieg bin-numru progressiv tnejn tmienja tlieta zbarra elfejn u tlieta (283/2003) fejn il-kunjom l-esponenti Tarcisio u tal-genituri tieghu Carmelo u Filomena huma indkati bhala 'Xriha' mentri fil-fatt kellu jkun 'Sciriha';

3. Tiddikjara illi jezisti zball fl-att tat-twelid bin-numru progressiv wiehed sitta disgha erbgha zbarra elfejn u erbgha (1694/2004) fejn il-kunjom tal-minuri Ruby u tal-genituri taghha Tarcisio u Cleophe huma indkati bhala 'Xriha' mentri fil-fatt kellu jkun 'Sciriha';

4. Tordna lill-konvenut sabiex jikkoregi l-Att tat-twelid bin-nurmu progressiv 4729/1964 u dan billi kull fejn jidher il-kunjom 'Xriha' fuq dan l-Att, ghandu jigi sostitwit bil-kunjom 'Sciriha'.

5. Tordna lill-konvenut sabiex jikkoregi l-Att taz-zwieg bin-nurmu progressiv tnejn tmienja tlieta zbarra elfejn u tlieta (283/2003) u dan billi kull fejn jidher il-kunjom 'Xriha' fuq dan l-Att, ghandu jigi sostitwit bil-kunjom 'Sciriha'.

6. Tordna lill-konvenut sabiex jikkoregi l-Att tat-twelid bin-nurmu progressiv wiehed sitta disgha erbgha zbarra elfejn u erbgha (1694/2004) u dan billi kull fejn jidher il-kunjom 'Xriha' fuq dan l-Att, ghandu jigi sostitwit bil-kunjom 'Sciriha'.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-5 ta’ Frar 2019.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 4 ta’ Jannar 2019 (fol 20) fejn Dr Neil Harrison ghan-nom u in rapprezentanza tal-istess Direttur bil-gurament tieghu ddikjara u kkonferma s-segwenti:

1. Illi preliminarjament l-esponent jeccepixxi illi l-ligi nostrana taghti biss lok ghal korrezzjonijiet f’ ismijiet u mhux f’kunjomijiet salv pero' jekk ma jkunx hemm xi zball genwin li ghandu jkun wiehed car u evidenti, hekk kif gie enuncjat fid-dibattiti parlamentari u giurisprudenza nostrana;

2. Illi bla hsara ghas-suespost u fil-mertu, l-esponent jirrileva li ma huwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors gurarnentat;

3. Illi fil-kaz odjern jidher li hemm zball u dan anke meta wiehed jiehu in konsiderazzjoni l-Att tat-Twelid ta' missier ir-rikorrent, u cioe' ta' Carmelo Sciriha, liema Att igib in-numru progressiv 1620/1914, li jinsab hawn anness u mmarkat bhala 'Dok. DRP 1'. F'dan l-Att tat-Twelid jidher illi missier ir-rikorrent assuma l-kumjom Sciriha *stante* li n-nannu patern tar-rikorrent kien proprju kunjomu hekk;

4. Illi *stante* s-suespost, jidher bic-car illi l-kunjom tal-familja huwa 'Sciriha' u mhux 'Xriha'. Ghaldaqstant, l-esponent jirrimetti ruhu ghall-ghaqli u s-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

5. Illi bla hsara ghas-suespost, l-esponent jeccepixxi illi *nonostante* l-fatt li huwa qed jirrikonoxxi li sar zball fl-Att tat-Twelid tar-rikorrent, tali zball ma jistax jigi attribwit lil esponent u dan tenut kont tal-fatt li kien proprju missier ir-rikorrent li ddikjara tali informazzjoni, tant li huwa kkonferma l-istess bil-firma tieghu. Dan jista' jigi kkorroborat permezz tal-informazzjoni li giet inserita fl-Att tat-Twelid tar-rikorrent, li jinsab hawn anness u mmarkat bhala 'Dok. DRP 2';

6. Illi *stante* s-suespost, l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-konvenut u

kwindi huwa ma ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-atturi li qeghdin jigu ngunti in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tat-Tlieta, 5 ta' Frar 2019 fejn meta ssejhet il-kawza dehru d-difensuri tal-partijiet, li nfurmaw lil Qorti li jistriehu fuq l-atti u jiddikjaraw li m'ghandhomx provi. Dr Ellul zammet ferm l-eccezzjoni tal-intimat rigward l-ispejjez. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-12 ta' Marzu 2019 fid-9:30a.m.

Rat il-verbal tat-12 ta' Marzu 2019 fejn b'ordni tal-Qorti l-kawza giet differita ghall-istess skop tal-ahhar verbal ghall-14 ta' Marzu 2019.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi din il-kawza qed issir *ai termini* tal-**artikoli 253 *et sequens* tal-Kodici Civili**, li jaghtu dritt lil kull persuna li taghmel talba gudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-registrazzjoni ta' ismijiet fl-atti tal-istat civili.

Illi l-pubblikazzjoni *ai termini* tal-**artikolu 254 tal-Kap 16** tal-Ligijiet ta' Malta saret debitament fis-27 ta' Novembru 2018 (fol 19).

Ir-rikorrenti qed jitolbu li jigi korrett l-att tat-twelid tar-rikorrent, l-att taz-zwieg taghhom, u l-att tat-twelid tal-minuri binthom Ruby, billi l-kunjom “Xriha” jigi sostitwit bil-kunjom “Sciriha”.

Illi kif sostnut fit-tielet u r-raba’ eccezzjonijiet tad-Direttur intimat, jirrizulta, li kunjom missier ir-rikorrent, kien “Sciriha”, kif jidher minn Dok DRP 1 anness mar-risposta, u minn Dok TS2 anness mar-rikors promotur fejn jidher li missier ir-rikorrent, huwa indikat bil-kunjom “Sciriha”. Ghalhekk, jidher, li l-kunjom tal-familja huwa “Sciriha” u mhux “Xriha” *stante* li kunjom Tarcisio u martu Filomena kien “Sciriha”. Illi skont l-artikolu 4 tal-Kodici Civili, l-ulied fiz-zwieg jiehdu kunjom missierhom.

Ikkunsidrat li l-intimat irrimetta ruhu ghad-decizjoni tal-Qorti ghal dak li jikkoncerna l-mertu ta’ din il-kawza.

Referibbilment ghall-ewwel eccezzjoni tal-intimat, huwa minnu li l-artikolu 253 jaghti lok ghal korrezzjonijiet fl-ismijiet mhux fil-kunjomijiet. Il-kaz in ezami jirrigwarda zball fil-kunjom, proprjament fil-mod kif inhu spellut il-kunjom, u mhux li jinbidel il-kunjom. L-artikolu 253(1) jipprovdi li tista’ tintalab korrezzjoni ta’ registrazzjoni u ma jispecifikax x’tip ta’ zball jista' jigi korrett.

Billi jirrizulta, li kunjom missier Tarcisio kien proprju “Sciriha”, din il-Qorti ser takkolji t-talbiet tar-rikorrenti.

Izda, taqbel ma' dak eccepit mid-Direttur intimat, li ma jirrizultax li sar zball da parti tad-Direttur tar-Registru Pubbliku, ghalhekk l-intimat m'ghandux jigi addebitat bl-ispejjez ta' dan il-kaz.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti kif gej:

1. Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti u tiddikjara li jezisti zball fl-att tat-twelid numru 4729/1964 billi kunjom Tarcisio u l-genituri tieghu Carmelo u Filomena hu indikat bhala "Xriha" u minflok ghandu jkun indikat bhala "Sciriha".

2. Tilqa' t-tieni talba tar-rikorrenti u tiddikjara li jezisti zball fl-att taz-zwieg numru 283/2003 fejn kunjom Tarcisio u l-genituri tieghu Carmelo u Filomena hu indikat bhala "Xriha" u minflok ghandu jkun indikat bhala "Sciriha."

3. Tilqa' t-tielet talba tar-rikorrenti u tiddikjara li jezisti zball fl-att tat-twelid numru 1694/2004, fejn kunjom il-minuri Ruby, bint ir-rikorrenti Tarcisio u Cleophe hi indikata bhala "Xriha" u minflok ghandha tkun indikata bhala "Sciriha."

4. Tilqa' r-raba' talba tar-rikorrenti u tordna lill-intimat jikkoregi l-att tat-twelid tar-rikorrent Tarcisio bin-numru 4729/1964, billi kull fejn idher il-kunjom "Xriha", ghandu jigi sostitwit bil-kunjom "Sciriha".

5. Tilqa' l-hames talba tar-rikorrenti u tordna lill-intimat sabiex jikkoregi l-att taz-zwieg numru 283/2003, billi kull fejn jidher il-kunjom "Xriha" jigi sostitwit bil-kunjom "Sciriha."

6. Tilqa' s-sitt talba u tordna lill-intimat sabiex jikkoregi l-att tat-twelid tal-minuri Ruby, bin-numru 1694/2004, billi kull fejn jidher il-kunjom "Xriha" jigi sostitwit bil-kunjom "Sciriha."

Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi nnotifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-**artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta**.

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**14 ta' Marzu 2019**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**14 ta' Marzu 2019**